V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## SEJĦA GĦAL PROPOSTI

**"Appoġġ għal miżuri ta' informazzjoni fil-qasam tal-Politika Agrikola Komuni (PAK)" għall-2014**

(2013/C 264/09)

### 1. INTRODUZZJONI – KUNTEST

Din is-sejħa għal proposti hija bbażata fuq ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 814/2000 tas-17 ta' April 2000 dwar il-miżuri ta' tagħrif li għandhom x'jaqsmu mal-politika komuni agrikola (PAK) li jiddefinixxi t-tip u l-kontenut tal-miżuri ta' informazzjoni li l-Unjoni tista' tikkofinanzja. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2208/2002, emendat bir-Regolament (KE) Nru 1820/2004, jistabbilixxi r-regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 814/2000.

Din hija sejħa għal proposti għall-finanzjament ta' miżuri ta' informazzjoni, kif deskritti fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 814/2000, mill-approprjazzjonijiet tal-baġit tal-2013. Din is-sejħa għal proposti tikkonċerna miżuri ta' informazzjoni li għandhom jiġu implimentati (inklużi l-preparazzjoni, l-implimentazzjoni, is-segwitu u l-evalwazzjoni) bejn l-1 ta' April 2014 u l-31 ta' Marzu 2015.

Miżura ta' informazzjoni hija sensiela indipendenti u koerenti ta' attivitajiet ta' informazzjoni mwettqa fuq il-bażi ta' baġit uniku.

Din is-sejħa għal proposti hija wkoll irregolata permezz tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (minn hawn 'il quddiem ir-Regolament Finanzjarju) u skont ir-Regolament ta' delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (minn hawn 'il quddiem ir-Regolament dwar ir-regoli tal-applikazzjoni).

### 2. TEMA(I) U PUBBLIKU FIL-MIRA

#### 2.1. Tema

*Tema ta' prijorità*

Il-PAK riformata

*Temi speċifiċi skont l-udjenza*

Għaċ-ċittadini, it-temi ta' prijorità se jittrattaw temi ġenerali dwar il-PAK u għandhom jiffokaw fuq tliet elementi ewlenin: is-sikurezza tal-ikel, il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali tagħna u l-iżvilupp taż-żoni rurali tagħna. L-għan ta' dawn l-azzjonijiet huwa li jgħarraf għadd kbir ta' nies dwar il-kwistjonijiet bażiċi tal-PAK riformata.

Għall-atturi rurali, l-azzjonijiet għandhom jiffokaw fuq kwistjonijiet aktar speċifiċi, b'mod partikolari l-implimentazzjoni ta' miżuri ġodda introdotti mir-riforma tal-PAK, bħalma huma l-konverġenza ta' għajnuniet diretti, it-"titjib ekoloġiku" tagħhom, il-kundizzjonalità, il-miżuri ta' appoġġ speċifiċi għal ċerti tipi ta' produzzjoni, l-appoġġ għall-bdiewa żgħażagħ u għal azjendi agrikoli żgħar, il-mekkaniżmi ta' appoġġ tas-suq, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi u dawk interprofessjonali, l-iżvilupp ta' ċirkwiti qosra tal-provvista, il-ġestjoni tar-riskju, is-sistemi tal-assigurazzjoni/tad-dħul, l-aċċess għal skemi ta' kwalità bħal DPO/IĠP/STG (azzjonijiet immirati lejn produtturi, speċjalment fl-Istati Membri b'rata baxxa ta' reġistrazzjoni), l-innovazzjoni u r-ristrutturar, il-modernizzazzjoni u d-diversifikazzjoni ta' negozji u miżuri oħra ta' żvilupp rurali, jew is-sistemi ta' konsulenza għall-azjendi agrikoli.

Xi eżempji ta' proposti għat-tip ta' għodod ta' informazzjoni li jintegraw kampanji ta' informazzjoni huma ppreżentati fit-Taqsima 6.2.

#### 2.2. Gruppi fil-mira

Il-pubbliku ġenerali (b'attenzjoni partikolari għaż-żgħażagħ f'żoni urbani) u atturi rurali b'mod partikolari. L-impatt tal-miżura se tkun evalwata skont it-tip ta' azzjoni u t-tip ta' pubbliku fil-mira tal-azzjoni.

## 3. SKEDA INDIKATTIVA

| | Stadji | Data u żmien jew perjodu indikattiv |
|---|---|---|
| (a) | Pubblikazzjoni tas-sejħa | L-ewwel nofs ta' Settembru 2013 |
| (b) | Data ta' skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet | 30.11.2013 |
| (c) | Perjodu ta' evalwazzjoni | 1.12.2013-31.3.2014 |
| (d) | Informazzjoni lill-applikanti | L-ewwel nofs ta' April 2014 |
| (e) | L-iffirmar tal-ftehim ta' għotja | It-tieni nofs ta' April 2014 |
| (f) | Data tal-bidu tal-azzjoni | 1.5.2014 |

## 4. BAĠIT DISPONIBBLI

Il-baġit totali allokat għall-kofinanzjament ta' azzjonijiet huwa stmat li jlaħħaq it-EUR 3 000 000.

Il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li ma tqassamx il-fondi kollha disponibbli.

## 5. REKWIŻITI TA' AMMISSIBBILTÀ

— L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru 2013 (it-timbru tar-reġistrazzjoni tal-posta jservi bħala prova tad-data tal-impustar),

— L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi bil-miktub (ara t-taqsima 14), bl-użu tal-formoli tal-applikazzjoni u tal-baġit disponibbli fuq http://ec.europa.eu/agriculture/grants-for-information-measures/

— L-applikazzjonijiet għandhom jinkitbu f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE. Madankollu, sabiex ikun iffaċilitat l-ipproċessar fil-pront, l-applikanti huma mħeġġa jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom bl-Ingliż jew bil-Franċiż, jew jekk dan ma jkunx possibbli, l-applikanti għandhom tal-anqas jinkludu traduzzjoni tad-deskrizzjoni dettaljata tal-proposta bl-Ingliż jew bil-Franċiż (il-Formola 3).

— L-applikanti huma awtorizzati jissottomettu applikazzjoni waħda biss għal din is-sejħa għal proposti;

— L-ammont tal-għotja mitlub mill-Kummissjoni għandu jkun bejn l-ammonti massimi u minimi indikati fil-punt 11.2 ta' din is-sejħa.

— Il-perċentwal tas-sussidju mitlub ma għandux ikun aktar mill-perċentwal indikat fil-punt 11.2 ta' din is-sejħa.

Nuqqas ta' konformità ma' dawn ir-rekwiżiti twassal għaċ-ċaħda tal-applikazzjoni.

## 6. KRITERJI TA' ELIĠIBBILTÀ [1]

### 6.1. Applikanti eliġibbli

L-applikant (u l-entitajiet affiljati tiegħu jekk hemm) għandu jkun persuna ġuridika kostitwita legalment fi Stat Membru għal tal-anqas sentejn fil-ħin tas-sottomissjoni tal-proposta. Dan irid jintwera b'mod ċar fl-applikazzjoni u fid-dokumenti addizzjonali.

Eżempji ta' organizzazzjonijiet eliġibbli:

— organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ (privata jew pubblika);

— awtoritajiet pubbliċi (nazzjonali, reġjonali, lokali);

— assoċjazzjonijiet Ewropej;

— universitajiet;

— istituzzjonijiet edukattivi;

— ċentri għar-riċerka;

— kumpaniji (pereżempju kumpaniji tal-midja tal-komunikazzjoni);

Entitajiet ġuridiċi li għandhom rabta ġuridika jew ta' kapital mal-applikanti, li la tkun limitata għall-azzjoni u lanqas stabbilita għall-uniku skop tal-implimentazzjoni tagħha, jistgħu jieħdu sehem fl-azzjoni bħala entitajiet affiljati, u jistgħu jiddikjaraw l-ispejjeż eliġibbli kif speċifikat fit-taqsima 11.2.

Għal dak il-għan, l-applikanti għandhom jidentifikaw tali entitajiet affiljati fil-formola tal-applikazzjoni.

Jekk entitajiet affiljati jieħdu sehem fl-azzjoni, l-applikazzjoni għandha:

— tinkludi l-ftehim bil-miktub tal-entitajiet affiljati

— tippreċiża r-rwol tagħhom fl-implimentazzjoni tal-azzjoni

— tipprovdi d-dokumenti ta' sostenn rilevanti kollha li jippermettu l-verifika ta' kemm dawn ikunu qed jikkonformaw mal-kriterji tal-eliġibbiltà, tan-nonesklużjoni u tal-għażla stipulati f'din is-sejħa għal proposti.

L-applikazzjonijiet jistgħu jitressqu wkoll minn applikant, kemm jekk huwa stabbilit speċifikament għall-azzjoni u kemm jekk mhuwiex, li jkun magħmul minn diversi entitajiet legali li jħarsu l-kriterji tal-eliġibbiltà, tan-nonesklużjoni u tal-għażla stipulati f'din is-sejħa għal proposti, u li flimkien jimplimentaw l-azzjoni proposta. F'każ bħal dan, l-applikazzjoni għandha tidentifika l-entitajiet imsemmija. Għall-finijiet tad-dikjarazzjoni tal-ispejjeż eliġibbli kif speċifikat fit-taqsima 11.2, l-entitajiet li jikkostitwixxu l-applikant għandhom jiġu ttrattati bħala entitajiet affiljati.

Għall-evalwazzjoni tal-eliġibbiltà tal-applikanti, id-dokumenti ta' sostenn li ġejjin huma mitluba għall-applikant u l-entitajiet affiljati tiegħu:

[1] L-Artikolu 131 tar-Regolament Finanzjarju; l-Artikolu 201 tar-Regolament dwar ir-regoli tal-applikazzjoni.

| Dokument | Deskrizzjoni | Osservazzjonijiet |
|---|---|---|
| Dokument A | L-istrument li jikkostitwixxi l-assoċjazzjoni (statuti). | Għall-applikanti kollha li mhumiex entitajiet pubbliċi. |
| Dokument B | Estratt riċenti mir-reġistu uffiċjali stipulat skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit (pereżempju mill-ġurnal uffiċjali jew mir-reġistru ta' kumpanija) li juri biċ-ċar l-isem u l-indirizz tal-applikant u d-data ta' reġistrazzjoni. | Għall-applikanti kollha. |

### 6.2. **Attivitajiet eliġibbli skont din is-sejħa għal proposti**

Fil-kuntest tas-sejħa attwali għal proposti żewġ tipi ta' azzjonijiet ta' komunikazzjoni pubblika integrati huma eliġibbli:

1. Fil-livell nazzjonali (azzjonijiet b'impatt biss fil-livell reġjonali mhumiex eliġibbli)

2. Fil-livell Ewropew (f'diversi Stati Membri).

L-azzjonijiet għandhom jinkludu diversi attivitajiet ta' komunikazzjoni jew għodod elenkati hawn taħt (il-lista mhix eżawrjenti):

— Produzzjoni u distribuzzjoni ta' materjal awdjoviżiv u multimedjatiku.

— Produzzjoni u distribuzzjoni ta' materjal stampat (pubblikazzjonijiet, kartelluni, eċċ).

— Stabbiliment ta' għodod tal-internet u ta' netwerking soċjali.

— Avvenimenti tal-midja.

— Konferenzi, seminars jew sessjonijiet ta' ħidma.

— Avvenimenti tat-tip "aġenda agrikola fil-belt" (city farm) li jgħinu biex tiġi spjegata l-importanza tal-agrikoltura lill-popolazzjoni urbana.

— Avvenimenti tat-tip "bibien miftuħa" li jimmiraw li juru r-rwol tal-agrikoltura liċ-ċittadini.

— Wirjiet statiċi jew mobbli jew punti ta' informazzjoni.

Dawn li ġejjin mhumiex eliġibbli:

— il-miżuri obbligatorji bil-liġi,

— il-miżuri li jirċievu finanzjament mill-Unjoni Ewropea minn linja baġitarja oħra,

— il-miżuri li jagħmlu l-qligħ;

— laqgħat ġenerali jew laqgħat statutorji.

Perjodu ta' implimentazzjoni:

— l-attivitajiet ma jistgħux jibdew qabel l-1 Mejju 2014

— l-attivitajiet għandhom jitlestew sat-30 April 2015

### 6.3. **Azzjonijiet ta' natura eċċezzjonali**

Miżura ta' informazzjoni tiġi rikonoxxuta bħala ta' natura eċċezzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 2208/2002 jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

1. L-azzjoni hija tassew implimentata f'mill-inqas tliet (3) Stati Membri tal-UE;

2. L-azzjoni ta' informazzjoni tkun proposta minn netwerk stabbilit fil-livell Ewropew jew ikollha bħala għan l-istabbiliment u/jew l-iżvilupp ta' tali netwerk Ewropew.

3. L-azzjoni tinkludi pjan ta' disseminazzjoni kapaċi jilħaq minimu ta' 5 % tal-pubbliku fil-mira tal-azzjoni (il-pubbliku inġenerali u/jew atturi rurali) f'kull Stat Membru, inklużi l-benefiċjarji diretti u indiretti.

## 7. KRITERJI TA' ESKLUŻJONI

### 7.1. **Esklużjoni mill-parteċipazzjoni**

L-applikanti jiġu esklużi milli jipparteċipaw f'din il-proċedura għas-sejħa għal proposti jekk huma jinsabu fi kwalunkwe mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) huma falluti jew fi proċess ta' stralċ, qed jiġu amministrati mill-Qrati, daħlu fi ftehim ma' kredituri, issospendew l-attivitajiet kummerċjali, huma suġġetti ta' proċeduri li jirrigwardaw dawn il-kwistjonijiet, jew huma fi kwalunkwe sitwazzjoni analoga li tirriżulta minn proċedura simili stipulata fil-leġiżlazzjoni jew fir-regolamenti nazzjonali;

(b) huma jew persuni bis-setgħa tar-rappreżentazzjoni, tat-teħid ta' deċiżjonijiet jew tal-kontroll fuqhom, instabu ħatja ta' reat li jirrigwarda l-kondotta professjonali tagħhom b'sentenza ta' awtorità kompetenti ta' Stat Membru li għandha l-forza ta' *res judicata*;

(c) huma kienu ħatja ta' kondotta ħażina serja professjonali ppruvata bi kwalunkwe mezz li l-awtorità kontraenti tista' tiġġustifika, inkluż b'deċiżjonijiet tal-BEI u organizzazzjonijiet internazzjonali;

(d) mhumiex konformi mal-obbligi tagħhom relatati mal-pagament tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jew mal-ħlas tat-taxxi skont id-dispożizzjonijiet legali tal-pajjiż fejn huma stabbiliti jew ma' dawk tal-pajjiż tal-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jew ma' dawk tal-pajjiż ta' fejn il-kuntratt ikun sejjer jiġi esegwit;

(e) huma jew persuni bis-setgħa ta' rappreżentazzjoni, tat-teħid ta' deċiżjonijiet jew tal-kontroll fuqhom kienu soġġetti għal sentenza li għandha l-forza ta' *res judicata* għall-frodi, il-korruzzjoni, l-involviment f'organizzazzjoni kriminali, il-ħasil tal-flus jew kwalunkwe attività illegali oħra, fejn din l-attività illegali hija detrimentali għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

(f) huma bħalissa soġġetti għal penali amministrattiva msemmija fl-Artikolu 109(1).

### 7.2. **Esklużjoni mill-għoti**

L-applikanti mhux se jingħataw appoġġ finanzjarju jekk, fid-data tal-proċedura tal-għoti tal-għotja, huma jkunu:

(a) soġġetti għal kunflitt ta' interess;

(b) ħatja ta' rappreżentazzjoni falza fl-għoti tal-informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni bħala kundizzjoni għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċedura tal-għoti tal-għotja, jew ma jkunux fornew din l-informazzjoni.

(c) isibu ruħhom f'waħda mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni, imsemmija fit-taqsima 7.1.

L-istess kriterji ta' esklużjoni japplikaw għal entitajiet affiljati.

Penali amministrattivi u finanzjarji jistgħu jiġu imposti fuq applikanti, jew entitajiet affiljati fejn applikabbli, li huma ħatja ta' dikjarazzjoni falza.

### 7.3. **Dokumenti ta' sostenn** ([1])

L-applikanti u l-entitajiet affiljati għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni fuq l-unur tagħhom li tiċċertifika li mhumiex f'waħda missitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 106(1) u 107 sa 109 tar-Regolament Finanzjarju, billi jimlew il-formola rilevanti mehmuża mal-formola tal-applikazzjoni li takkumpanja s-sejħa għal proposti u disponibbli fuq http://ec.europa.eu/agriculture/grants-for-information-measures/

## 8. **KRITERJI TAL-GĦAŻLA** ([2])

### 8.1. **Kapaċità finanzjarja** ([3])

L-applikanti jridu jkollhom sorsi stabbli u suffiċjenti ta' finanzjament sabiex isostnu l-attività tagħhom tul il-perjodu sħiħ li matulu titwettaq l-azzjoni jew is-sena li għaliha tingħata l-għotja u biex jieħdu sehem fil-finanzjament tagħhom. Il-kapaċità finanzjarja tal-applikanti se tiġi vvalutata fuq il-bażi ta' dawn id-dokumenti ta' sostenn li jkunu ppreżentati flimkien mal-applikazzjoni:

— dikjarazzjoni fuq l-unur tagħhom u,

— il-kont ta' qligħ u telf, il-karta tal-bilanċi għall-aħħar sena finanzjarja li għaliha l-kontijiet ingħalqu;

Il-verifika tal-kapaċità finanzjarja m'għandhiex tapplika għall-korpi pubbliċi. Għalhekk id-dokumenti msemmija hawn fuq ma għandhomx jiġu provduti jekk l-applikant huwa korp pubbliku.

Ir-rekwiżiti ta' hawn fuq japplikaw għall-entitajiet affiljati, kif speċifikat fit-taqsima 6.1.

Abbażi tad-dokumenti sottomessi, jekk l-uffiċjal awtorizzanti b'sottodelega (AOSD) jqis li l-kapaċità finanzjarja mhijiex sodisfaċenti, huwa jista':

— jitlob aktar informazzjoni;

— jirrifjuta l-applikazzjoni.

### 8.2. **Kapaċità operattiva** ([4])

L-applikanti jridu jkollhom il-kompetenzi professjonali kif ukoll il-kwalifiki xierqa meħtieġa biex itemmu l-azzjoni proposta.

F'dan ir-rigward, l-applikanti għandhom jippreżentaw dikjarazzjoni fuq l-unur tagħhom, u d-dokumenti ta' sostenn li ġejjin:

— *curriculum vitae* jew deskrizzjoni tal-profil tal-persuni primarjament responsabbli mill-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-operazzjoni;

— ir-rapporti ta' attività tal-organizzazzjonijiet;

— lista ta' proġetti u ta' attivitajiet imwettqin qabel u konnessi mal-qasam ta' politika tas-sejħa jew mal-azzjonijiet li għandhom jitwettqu;

Ir-rekwiżiti ta' hawn fuq japplikaw għal entitajiet affiljati, kif speċifikat fit-taqsima 6.1.

## 9. **KRITERJI TAL-GĦOTI** ([5])

L-għodod ta' komunikazzjoni u l-attivitajiet differenti għandhom ikunu interkonnessi, kif ukoll ċari fl-approċċ kunċettwali tagħhom u fir-rigward tar-riżultati li għandhom jinkisbu. Dawn għandu jkolhom impatt sinifikanti li jista' jiġi mkejjel permezz ta' indikaturi oġġettivament verifikabbli esterni u interni li għandhom jiġu stabbiliti billi jitqiesu l-kriterji SMART (speċifiċi, li jistgħu jitkejlu u li jistgħu jintlaħqu, rilevanti u orjentati lejn iż-żmien).

L-applikazzjonijiet eliġibbli se jiġu vvalutati fuq il-bażi tal-kriterji li ġejjin:

— ir-rilevanza tal-azzjoni u r-riżultati mistennija tagħha b'rabta mat-temi u mal-pubbliku fil-mira msemmija fil-punt 2 tas-sejħa (10 punti);

---

([1]) L-Artikolu 197 tar-Regolament dwar ir-regoli tal-applikazzjoni.
([2]) L-Artikolu 132 tar-Regolament Finanzjarju; l-Artikolu 202 tar-Regolament dwar ir-regoli tal-applikazzjoni.
([3]) L-Artikoli 131 u 132 tar-Regolament Finanzjarju; l-Artikolu 202 tar-Regolament dwar ir-regoli tal-applikazzjoni.
([4]) L-Artikolu 132 tar-Regolament Finanzjarju; l-Artikolu 202 tar-Regolament dwar ir-regoli tal-applikazzjoni.
([5]) L-Artikolu 132 tar-Regolament Finanzjarju; l-Artikolu 203 tar-Regolament dwar ir-regoli tal-applikazzjoni.

— l-effettività, ir-razzjonalità u l-konsistenza tal-metodoloġija proposta u l-organizzazzjoni (inkluż l-iskeda taż-żmien, il-programm u l-involviment possibbli ta' netwerk Ewropew) (20 punt li minnhom 5 jirrappreżentaw l-involviment ta' netwerk);

— ir-rilevanza u l-kwalità tal-mezzi ta' implimentazzjoni u r-riżorsi użati fir-rigward tal-għanijiet previsti (partikolarment f'dik li hi l-effettività tan-nefqa) (10 punti);

— il-kopertura ġeografika tal-azzjoni (l-għadd ta' reġjuni fil-każ ta' azzjonijiet b'kopertura nazzjonali, jew l-għadd ta' pajjiżi tal-UE f'każijiet ta' azzjonijiet b'kopertura Ewropea) (15-il punt);

— in-natura innovattiva tal-azzjoni u l-għodod ta' komunikazzjoni użati (10 punti);

— l-impatt u d-disseminazzjoni tar-riżultati mistennija (pubbliku fil-mira, in-numru ta' benefiċjarji diretti u indiretti, l-effett mistenni ta' multiplikazzjoni) (15-il punt);

— it-trasferibbiltà u s-sostenibbiltà tar-riżultati mistennija (inkluż l-involviment possibbli ta' netwerk Ewropew) (10 punti);

— l-evalwazzjoni ex-ante u ex-post proposti u l-attivitajiet ta' monitoraġġ previsti fil-proposta (10 punti),

L-applikazzjonijiet biss li jkunu kisbu total ta' tal-anqas 60 mill-100 punt disponibbli matul din il-fażi tal-evalwazzjoni għandhom jiġu ammessi għall-fażi li jmiss. Madankollu, il-fatt li miżura tirċievi 60 mill-100 punt disponibbli mhuwiex garanzija li l-miżura ta' informazzjoni se tingħata l-għotja. Il-Kummissjoni tista' tgħolli r-rata minima aċċettabbli fid-dawl tal-għadd ta' applikazzjonijiet aċċettati u tar-riżorsi baġitarji disponibbli.

## 10. IMPENJI LEGALI [1]

F'każ ta' għotja mogħtija mill-Kummissjoni, se jintbagħat lill-benefiċjarju ftehim tal-għotja, imfassal f'euro u li jelenka l-kundizzjonijiet u l-livell ta' finanzjament, flimkien mal-proċedura għall-fini tal-formalizzazzjoni tal-obbligi tal-partijiet.

Iż-żewġ (2) kopji tal-oriġinal tal-ftehim tal-għotja jridu jiġu ffirmati l-ewwel mill-benefiċjarju u mbagħad jintbagħtu lura lill-Kummissjoni immedjatament. Il-Kummissjoni tkun l-aħħar li tiffirmahom.

Jekk jogħġbok innota li l-għoti ta' għotja ma jfissirx li wieħed jibqa' intitolat għaliha għas-snin ta' wara.

[1] L-Artikolu 121 tar-Regolament Finanzjarju; l-Artikolu 174 tar-Regolament dwar ir-regoli tal-applikazzjoni.

## 11. DISPOŻIZZJONIJIET FINANZJARJI

### 11.1. Prinċipji Ġenerali

(a) *Għoti mhux kumulattiv* [2]

Azzjoni tista' tirċievi biss għotja waħda mill-baġit tal-UE.

Fl-ebda ċirkustanza ma għandhom l-istess spejjeż jiġu ffinanzjati darbtejn mill-baġit. Sabiex dan ikun żgurat, l-applikanti għandhom jindikaw is-sorsi u l-ammonti ta' finanzjament tal-Unjoni riċevut jew applikat għall-istess azzjoni jew parti mill-azzjoni jew għat-tħaddim tiegħu matul l-istess sena finanzjarja kif ukoll kwalunkwe finanzjament ieħor riċevut jew applikat għall-istess azzjoni [3].

(b) *Nonretroattività* [4]

Ma tista' tingħata l-ebda għotja retrospettivament għal azzjonijiet li diġà tlestew.

Għotja tista tingħata għal azzjoni li diġà nbdiet biss meta l-applikant jista' juri l-ħtieġa li jibda l-azzjoni qabel ma l-ftehim tal-għotja jkun ġie ffirmat.

F'dawn il-każijiet, l-ispejjeż eliġibbli għall-finanzjament jistgħu ma jiġux imġarrba qabel id-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni tal-għotja.

(c) *Kofinanzjament* [5]

Il-kofinanzjament ifisser li r-riżorsi li huma meħtieġa biex titwettaq l-azzjoni jista' ma jkunux kompletament pprovduti mill-għotja tal-UE.

Il-kofinanzjament tal-azzjoni jista' jieħu l-forma ta':

— riżorsi proprji tal-benefiċjarju,

— dħul iġġenerat mill-azzjoni;

— kontribuzzjonijiet finanzjarji minn partijiet terzi.

(d) *Baġit ibbilanċjat* [6]

Il-baġit stmat tal-azzjoni għandu jinehmeż mal-formola tal-applikazzjoni. Dan għandu:

— Jitfassal f'euro. L-applikanti li jipprevedu li l-ispejjeż ma jkunux se jsiru f'euros, huma obbligati li jużaw ir-rata tal-kambju ppubblikata fuq is-sit elettroniku tal-Infor-euro disponibbli fuq http://ec.europa.eu/budget/contracts_grants/info_contracts/inforeuro/inforeuro_en.cfm

— Jkollu dħul u spiża bbilanċjati.

— Jitfassal billi jintużaw kalkoli dettaljati (kwantitajiet, prezzijiet tal-unità, prezzijiet totali) u l-ispjegazzjonijiet rilevanti fil-kolonna "kummenti"; l-ebda ammont b'rata fissa (ħlief għar-rati fissi msemmija fil-punt 11.2) mhu se jiġi aċċettat,

[2] L-Artikolu 129 tar-Regolament Finanzjarju.

[3] L-Artikolu 196.4 tar-Regolament dwar ir-regoli tal-applikazzjoni.

[4] L-Artikolu 130 tar-Regolament Finanzjarju.

[5] L-Artikolu 125 tar-Regolament Finanzjarju; l-Artikolu 183 tar-Regolament dwar ir-regoli tal-applikazzjoni.

[6] L-Artikolu 196.2 tar-Regolament dwar ir-regoli tal-applikazzjoni

— Jirrispetta l-ammonti massimi stabbiliti mill-Kummissjoni għal ċertu tip ta' nfiq (ara d-dokumenti rilevanti disponibbli fuq http://ec.europa.eu/agriculture/grants-for-information-measures/);

— Jkun ippreżentat mingħajr VAT jekk l-applikant huwa soġġett għall-VAT u intitolat li jnaqqasha, jew jekk l-applikant huwa entità pubblika,

— Jinkludi fil-parti tad-dħul il-kontribuzzjoni diretta mill-applikant, il-finanzjament mitlub mingħand il-Kummissjoni, u (jekk applikabbli) id-dettalji dwar kwalunkwe kontribuzzjoni minn fornituri oħrajn ta' fondi, kif ukoll id-dħul kollu ġġenerat mill-proġett, inkluż, fejn xieraq, il-ħlasijiet meħtieġa mill-parteċipanti.

(e) *Kuntratti ta' implimentazzjoni/sottokuntrattar* [1]

Fejn l-implimentazzjoni tal-azzjoni teħtieġ l-għoti ta' kuntratti ta' akkwist (kuntratti ta' implimentazzjoni), il-benefiċjarju għandu jagħti l-kuntratt lill-offerta li tagħti l-aħjar valur għall-flus jew l-orħos prezz (kif xieraq), biex b'hekk jiġu evitati kunflitti ta' interessi u għandu jżomm id-dokumentazzjoni f'każ ta' awditjar.

Fil-każ ta' akkwist ogħla minn EUR 60 000, il-benefiċjarju jrid jobdi r-regoli speċjali kif imsemmi fil-ftehim ta' għotja anness mas-sejħa. Barra minn hekk il-benefiċarju huwa mistenni li jiddokumenta b'mod ċar is-sejħa għall-offerti u li jżomm id-dokumentazzjoni f'każ ta' awditjar.

Entitajiet li jaġixxu fil-kapaċità tagħhom ta' awtoritajiet kontraenti skont it-tifsira tad-Direttiva 2004/18/KE jew entitajiet kontraenti fit-tifsira tad-Direttiva 2004/17/KE għandhom iżommu mar-regoli nazzjonali applikabbli dwar l-akkwist pubbliku.

Is-sottokuntrattar, jiġifieri l-esternalizzazzjoni ta' kompiti jew attivitajiet speċifiċi li jiffurmaw parti minn azzjoni kif deskritt fil-proposta għandhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet applikabbli għal kwalunkwe kuntratt ta' implimentazzjoni (kif speċfikat hawn fuq) u flimkien magħhom il-kondizzjonijiet li ġejjin:

— jista' jkopri biss l-implimentazzjoni ta' parti limitata tal-azzjoni;

— għandu jkun iġġustifikati billi jitqiesu n-natura tal-azzjoni u dak li huwa meħtieġ għall-implimentazzjoni tagħha;

— għandu jiġi ddikjarat b'mod ċar fil-proposta.

(f) *Appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi* [2]

L-applikazzjonijiet ma jistgħux jipprevedu l-għoti ta' appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi.

11.2. **Finanzjament** [3]

*Il-finanzjament għandu jieħu l-forma ta' finanzjament imħallat magħmul minn:*

— rimborż ta' proporzjon speċifikat (50 % jew 75 %) tal-ispejjeż eliġibbli mġarrba;

— finanzjament b'rata fissa ta' 7 % tal-ispejjeż diretti totali eliġibbli tal-azzjoni, huwa eliġibbli taħt spejjeż indiretti, li jirrappreżentaw l-ispejjeż aministrattivi ġenerali tal-benefiċjarju u tal-entitajiet affiljati li jistgħu jitqiesu bħala ddebitati fuq l-azzjoni.

L-ammont tal-għotja la jista' jaqbeż l-ispejjeż eliġibbli u lanqas l-ammont mitlub. L-ammonti huma indikati f'euro.

*Ammont massimu u minimu mitlub*

L-ammont minimu u massimu mitlub (inkluż ir-rata fissa għall-ispejjeż indiretti) se jkun ta' EUR 100 000 u EUR 500 000 rispettivament.

Ir-rata massima tal-kofinanzjament se tkun ta' 50 % tal-ispejjeż diretti eliġibbli. Għall-miżuri ta' informazzjoni ta' natura eċċezzjonali, (ara l-punt 6.3) u jekk l-applikant jitlob dan, il-perċentwal tal-kontribuzzjoni tal-Kummissjoni jista' jitla' sa 75 % tal-ispejjeż diretti eliġibbli.

Konsegwentement, parti mit-total tal-ispejjeż eliġibbli mdaħħla fl-istima tal-baġit għandhom ikunu ffinanzjati minn sorsi barra l-għotja tal-UE (ara t-taqsima 11.1c).

Spejjeż eliġibbli [4]

Spejjeż eliġibbli huma spejjeż effettivament imġarrba mill-benefiċjarju ta' għotja li jissodisfaw il-kriterji kollha li ġejjin:

— jintefqu matul it-tul ta' żmien tal-azzjoni;

— il-perjodu ta' eliġibbiltà tal-ispejjeż se jibda kif speċifikat fil-ftehim tal-għotja. Jekk benefiċjarju jista' juri l-ħtieġa li jibda l-azzjoni qabel ma jiġi ffirmat il-ftehim, l-ispiża tista' tiġi awtorizzata qabel ma jiġi ffirmat il-ftehim. Għall-ebda raġuni ma jista' l-perjodu tal-eliġibbiltà jibda qabel id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni tal-għotja (ara t-taqsima 11.1b).

— ikunu indikati fl-istima tal-baġit tal-azzjoni;

— ikunu neċessarji għall-implimentazzjoni tal-azzjoni li tkun is-suġġett tal-għotja;

— ikunu identifikabbli u verifikabbli, u b'mod partikolari jkunu rreġistrati fil-kotba tal-kontijiet tal-benefiċjarju u ddeterminati skont l-istandards tal-kontabbiltà applikabbli tal-pajjiż fejn il-benefiċjarju jkun stabbilit u skont il-prattika komuni tal-kontabbiltà tal-ispejjeż tal-benefiċjarju;

— jirrispettaw ir-rekwiżiti tat-taxxa applikabbli u l-leġiżlazzjoni soċjali;

(1) L-Artikolu 137 tar-Regolament Finanzjarju; l-Artikolu 209 tar-Regolament dwar ir-regoli tal-applikazzjoni.
(2) L-Artikolu 137 tar-Regolament Finanzjarju; l-Artikolu 210 tar-Regolament dwar ir-regoli tal-applikazzjoni.
(3) L-Artikolu 123 tar-Regolament Finanzjarju; l-Artikolu 181 tar-Regolament dwar ir-regoli tal-applikazzjoni.
(4) L-Artikolu 126 tar-Regolament Finanzjarju.

— ikunu raġonevoli, ġustifikati u jirrispettaw il-prinċipji ta' ġestjoni finanzjara soda, b'mod partikolari rigward l-ekonomija u l-effiċjenza.

Il-proċeduri tal-kontabbiltà u tal-awditjar interni għandhom jippermettu rikonċiljazzjoni diretta tal-ispejjeż u tad-dħul iddikjarati fir-rigward tal-azzjoni mar-rapporti korrispondenti tal-kontabbiltà u d-dokumenti ta' sostenn.

L-istess kriterji japplikaw għal entitajiet affiljati.

*Spejjeż diretti eliġibbli (50 % jew 75 % ta' kofinanzjament)*

L-ispejjeż diretti eliġibbli għall-azzjoni huma dawk l-ispejjeż, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà stipulati fl-Artikolu II.14.1, li jkunu identifikabbli bħala spejjeż speċifiċi marbuta direttament mat-twettiq tal-azzjoni u li għalhekk jistgħu jiġu assenjati direttament lilha:

— spejjeż tal-persunal li jaħdem b'kuntratt ta' impjieg mal-applikant jew att ta' ħatra ekwivalenti u assenjat għall-azzjoni, li jinkludu s-salarji nfushom flimkien mal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u spejjeż oħra statutorji inklużi fir-remunerazzjoni, sakemm dawn l-ispejjeż huma skont il-politika normali tal-applikant dwar ir-rimunerazzjoni. Dawk l-ispejjeż jistgħu jinkludu wkoll rimunerazzjonijiet addizzjonali, inklużi pagamenti fuq il-bażi ta' kuntratti supplimentari, tkun xi tkun in-natura tagħhom, sakemm dawn huma mħallsa b'mod konsistenti kull meta l-istess tip ta' xogħol jew kompetenza jkunu meħtieġa, indipendentement mis-sors ta' finanzjament użat;

— spejjeż tal-ivvjaġġar (għal-laqgħat, inklużi laqgħat ta' tnedija fejn applikabbli, konferenzi eċċ.), sakemm dawn l-ispejjeż ikunu konformi mal-prattiki normali tal-benefiċjarju tal-ivvjaġġar;

— spejjeż involuti minn kuntratti ta' implimentazzjoni mogħtija mill-benefiċjarju għall-finijiet biex tat-twettiq tal-azzjoni, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim tal-għotja jkunu ntlaħqu;

— spejjeż li jirriżultaw direttament mir-rekwiżiti marbuta mal-implimentazzjoni tal-azzjoni (disseminazzjoni ta' informazzjoni, evalwazzjoni speċifika tal-azzjoni, traduzzjonijiet, riproduzzjoni);

L-Anness V tal-abbozz tal-ftehim tal-għotja mehmuża ma' din is-sejħa jipprovdi lista ta' dispożizzjonijiet speċifiċi relatati ma' ċertu tip ta' spejjeż eliġibbli u d-dokumenti ta' sostenn meħtieġa mar-rapport finali.

*Spejjeż indiretti eliġibbli (overheads)*

Ammont b'rata fissa ta' 7 % tal-ispejjeż diretti totali eliġibbli tal-azzjoni, huwa eliġibbli taħt spejjeż indiretti, li jirrappreżentaw l-ispejjeż amministrattivi ġenerali tal-benefiċjarju li jistgħu jitqiesu bħala ddebitati fuq l-azzjoni.

Spejjeż indiretti ma jinkludux l-ispejjeż li jiddaħħlu taħt intestatura oħra tal-baġit.

*Spejjeż ineliġibbli*

L-ispejjeż li ġejjin m'għandhomx jitqiesu bħala eliġibbli:

— il-kontribuzzjonijiet *in natura*;

— l-ispejjeż li jirriżultaw mix-xiri ta' tagħmir ġdid jew użat,

— l-ispejjeż ta' deprezzament tat-tagħmir,

— l-ispejjeż mhux ipprovduti fil-baġit previst,

— il-VAT, għajr meta l-benefiċjarju jista' juri li ma jistax jiġborha lura skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli. Madankollu, il-VAT imħallsa mill-entitajiet pubbliċi mhijiex eliġibbli,

— ir-redditu fuq il-kapital,

— id-dejn u l-ħlasijiet fuq servizzi ta' djun,

— il-provvedimenti għal telf jew djun potenzjali fil-futur,

— l-imgħax dovut,

— id-djun dubjużi,

— l-ispejjeż ta' trasferiment tal-Kummissjoni mitluba mill-bank lill-benefiċjarju

— it-telf mill-kambju,

— l-ispejjeż iddikjarati mill-benefiċjarju u koperti minn miżura oħra jew minn programm ta' ħidma ieħor li jkun qiegħed jirċievi l-għotja mill-UE,

— l-infiq eċċessiv jew bla kontroll.

L-għotjiet tal-UE ma jistax ikollhom l-għan jew l-effett li jipproduċu qligħ fil-qafas tal-azzjoni tal-benefiċjarju. Il-qligħ huwa definit bħala l-eċċess tal-irċevuti mill-ispejjeż eliġibbli mġarrba mill-benefiċjarju, meta ssir it-talba għall-pagament tal-bilanċ. F'dan ir-rigward, fejn isir qligħ, il-Kummissjoni għandha tkun intitolata biex tirkupra l-perċentwal tal-qligħ li jikkorrispondi mal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-ispejjeż eliġibbli effettivament imġarrba mill-benefiċjarju biex iwettaq l-azzjoni.

*Kalkolu tal-ammont tal-għotja finali*

L-ammont finali tal-għotja li jingħata lill-benefiċjarju jkun stabbilit wara t-tlestija tal-azzjoni, mal-approvazzjoni tat-talba għall-pagament li tinkludi d-dokumenti li ġejjin [1], inklużi dokumenti rilevanti ta' sostenn fejn xieraq:

— rapport tekniku finali li jipprovdi d-dettalji tal-implimentazzjoni u r-riżultati tal-azzjoni bid-dokumenti ta' sostenn rilevanti;

— id-dikjarazzjoni finanzjarja finali tal-ispejjeż effettivament imħallsa b'dokumenti ta' sostenn rilevanti (ara l-Anness 5 tal-abbozz tal-ftehim tal-għotja mehmuż ma' din is-sejħa),

[1] L-Artikolu 135 tar-Regolament Finanzjarju.

### 11.3. **Arranġamenti għall-ħlas** (1)

Għandu jitħallas pagament interim lill-benefiċjarju. Il-pagament interim huwa maħsub biex ikopri l-infiq tal-benefiċjarju fuq il-bażi ta' talba għall-ħlas meta l-azzjoni tkun ġiet parzjalment imwettqa. Għall-fini tad-determinazzjoni tal-ammont dovut bħala pagament interim, ir-rata ta' rimborż li għandha tiġi applikata għall-ispejjeż eliġibbli approvati mill-Kummissjoni għandha tkun ir-rata definita fil-punt 11.2 tas-sejħa.

Il-pagament interim ma għandux jaqbeż 30 % tal-ammont massimu tal-għotja.

Il-Kummissjoni se tistabbilixxi l-ammont tal-pagament finali li għandu jsir lill-benefiċjarju fuq il-bażi tal-kalkolu tal-ammont finali tal-għotja. Jekk it-total tal-pagamenti preċedenti jkun ogħla mill-ammont tal-għotja finali, il-benefiċjarju se jintalab jirrimborża l-ammont żejjed imħallas mill-Kummissjoni permezz ta' ordni ta' rkupru.

## 12. **PUBBLIĊITÀ**

### 12.1. **Mill-benefiċjarji**

Il-benefiċjarji għandhom jirrikonoxxu biċ-ċar il-kontribut tal-Unjoni Ewropea fil-pubblikazzjonijiet kollha jew flimkien mal-attivitajiet li għalihom tintuża l-għotja. Barra minn hekk, il-benefiċjarji għandhom jużaw dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà li fiha jiddikjaraw li l-Unjoni Ewropea mhijiex responsabbli għal fehmiet murija fil-pubblikazzjonijiet u/jew flimkien mal-attivitajiet li għalihom tintuża l-għotja.

F'dan ir-rigward, il-benefiċjarji huma meħtieġa li jagħtu prominenza għall-isem u l-emblema tal-Kummissjoni Ewropea u għar-regoli speċifiċi dwar l-identità viżwali relatati mal-PAK fuq pubblikazzjonijiet, kartelluni, programmi u prodotti oħra li jkunu twettqu fil-qafas tal-azzjoni kofinanzjata.

Sabiex jagħmlu dan, iridu jużaw it-test u l-emblema tal-Kummissjoni Ewropea, ir-regoli speċifiċi dwar l-identità viżwali relatati mal-PAK u ċ-ċaħda ta' responsabbiltà, kollha kemm huma disponibbli fuq http://ec.europa.eu/agriculture/grants-for-information-measures/

Jekk dan ir-rekwiżit ma jiġix sodisfatt b'mod sħiħ, l-għotja tal-benefiċjarju tista' tiġi mnaqqsa skont id-dispożizzjonijiet tal-ftehim tal-għotja.

### 12.2. **Mill-Kummissjoni** (2)

Kull informazzjoni li għandha x'taqsam ma' għotjiet mogħtija matul sena finanzjarja għandha tiġi ppubblikata fuq sit elettroniku tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara s-sena finanzjarja li fiha l-għotjiet ingħataw.

Il-Kummissjoni se tippubblika l-informazzjoni li ġejja:

— l-isem tal-benefiċjarju;

— l-indirizz tal-benefiċjarju,

— is-suġġett tal-għotja;

— l-ammont mogħti.

Fuq talba motivata u sustanzjata kif dovut mill-benefiċjarju, il-pubblikazzjoni tista' titwarrab jekk tali divulgazzjoni thedded id-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi kkonċernati kif imħarsa mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jew ikun ta' ħsara għall-interessi kummerċjali tal-benefiċjarji.

## 13. **PROTEZZJONI TAD-DEJTA**

It-tweġiba għal kull sejħa għal proposti tinvolvi r-reġistrazzjoni u l-ipproċessar ta' dejta personali (pereżempju, l-isem, l-indirizz u s-CV). Dejta bħal din tkun ittrattata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta. Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, il-mistoqsijiet u kwalunkwe dejta personali mitluba huma meħtieġa biex tkun evalwata l-applikazzjoni skont l-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għal proposta se jkunu pproċessati biss għal dak il-għan mill-unità K1 tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni Ewropea. Id-dettalji dwar l-ipproċessar tad-dejta personali huma disponibbli fid-dikjarazzjoni dwar il-privatezza fuq: http://ec.europa.eu/dataprotectionofficer/privacystatement_publicprocurement_en.pdf

Id-dejta personali tiegħek tista' tiġi rreġistrata fis-Sistema ta' Twissija Bikrija (Early Warning System/EWS) biss, jew kemm fl-EWS kif ukoll fil-Bażi tad-Dejta Ċentrali tal-Esklużjoni () mill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni, f'każ li l-benefiċjarju jinsab f'xi wieħed mis-sitwazzjonijiet imsemmija:

— fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/969/KE tas-16 Diċembru 2008 dwar is-Sistema ta' Twissija Bikrija (għal aktar informazzjoni ara d-Dikjarazzjoni dwar il-Privatezza fuq:

  http://ec.europa.eu/budget/contracts_grants/info_contracts/legal_entities/legal_entities_en.cfm),

  jew

— fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1302/2008 tas-17 Diċembru 2008 dwar id-Dejtabejż Ċentrali tal-Esklużjoni (għal aktar informazzjoni ara d-Dikjarazzjoni dwar il-Privatezza fuq

  http://ec.europa.eu/budget/explained/management/protecting/protect_en.cfm)

(1) L-Artikoli 90 u 135 tar-Regolament Finanzjarju, l-Artikolu 207 tar-Regolament dwar ir-regoli tal-applikazzjoni.
(2) L-Artikoli 35 u 128.3 tar-Regolament Finanzjarju, l-Artikoli 21 u 191 tar-Regolament dwar ir-regoli tal-applikazzjoni.

## 14. PROĊEDURA GĦAS-SOTTOMISSJONI TAL-PROPOSTI

Il-proposti għandhom jiġu sottomessi skont ir-rekwiżiti formali u sad-data tal-iskadenza stipulata fit-taqsima 5.

Ma hija permessa l-ebda modifika għall-applikazzjoni ladarba d-data tal-iskadenza għas-sottomissjoni tkun għaddiet. Madankollu, fejn, minħabba xi żball ta' kopjar (żball klerikali) evidenti min-naħa tal-applikant, l-applikant jonqos milli jippreżenta provi jew li jagħmel dikjarazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha titlob lill-applikant biex jipprovdi l-informazzjoni nieqsa jew jiċċara l-provi dokumentarji (id-dokumenti ta' sostenn) matul il-proċess ta' evalwazzjoni ([1]). Tali informazzjoni jew kjarifika ma għandhiex timmodifika sostanzjalment il-proposta.

L-applikanti se jiġu informati bil-miktub dwar ir-riżultati tal-proċess ta' evalwazzjoni dwar l-applikazzjoni tagħhom ([2]).

*Sottomissjoni fuq il-karta*

Il-formoli tal-applikazzjoni huma disponibbli fuq http://ec.europa.eu/agriculture/grants-for-information-measures/

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu bil-formola korretta, mimlija kif dovut, datata, li turi baġit ibbilanċjat (dħul/infiq), u ffirmata mill-persuna awtorizzata li tidħol f'impenji li jorbtu legalment f'isem l-organizzazzjoni li qed tapplika.

Fejn applikabbli, l-informazzjoni addizzjonali kollha meqjusa neċessarja mill-applikant tista' tiġi inkluża fuq karti separati.

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu fl-indirizz li ġej ([3]):

European Commission
Unit AGRI. K.1.
Call for proposals 2013/C 264/09
To the attention of Angela Filote
L130 4/148A
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

— bil-posta, (għad-data jgħodd it-timbru tal-posta);

— bis-servizz tal-kurjer, bid-data tal-irċevuta mis-servizz tal-kurjer.

Applikazzjonijiet mibgħuta bil-feks mhux se jiġu aċċettati.

*Sottomissjoni elettronika*

L-ammissibbiltà tal-applikazzjonijiet se tiġi vvalutata fuq il-bażi tal-verżjoni stampata, madankollu, u sabiex jiffaċilta t-trattament, l-applikanti huma mitluba wkoll li jibagħtu kopja elettronika tal-applikazzjoni bil-posta elettronika lil agri-applications@ec.europa.eu (MHUX lil agri-grants@ec.europa.eu). Id-data tal-iskadenza għas-sottomissjoni tal-kopja elettronika hija l-15 ta' Novembru 2013 f'24:00.

*Kuntatti*

Jekk għandek xi mistoqsija dwar is-sejħa, tista' tibgħatha permezz tal-posta elettronika lil

agri-grants@ec.europa.eu

Id-data tal-iskadenza għas-sottomissjoni ta' mistoqsijiet hija t-8 ta' Novembru 2013 f'24:00

Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet l-aktar rilevanti se jkunu ppubblikati fuq: http://ec.europa.eu/agriculture/grants-for-information-measures/

## 15. PROĊEDURA TA' EVALWAZZJONI

L-applikanti li kkonformaw mar-rekwiżit tal-ammissibbiltà se jiġu eżaminati fid-dawl tal-kriterji tal-esklużjoni.

Il-kumitat ta' evalwazzjoni għandu l-ewwel jeżamina l-proposti fid-dawl tal-kriterji ta' esklużjoni (ara l-punt 7 tas-sejħa).

Il-kumitat ta' evalwazzjoni mbagħad jeżamina l-applikazzjonijiet fid-dawl tal-kriterji tal-għotja (ara l-punt 9 tas-sejħa).

Fl-aħħar nett, l-applikazzjonijiet wara li għaddew b'suċċess mill-fażijiet preċedenti se jiġu eżaminati fid-dawl tal-eliġibbiltà (ara l-punt 6 tas-sejħa) u l-kriterji tal-għażla (ara l-punt 8 tas-sejħa).

## 16. ANNESSI

— Il-formola tal-applikazzjoni (flimkien mal-lista tal-iċċekkjar tad-dokumenti li għandhom ikunu provduti), hija disponibbli fuq

http://ec.europa.eu/agriculture/grants-for-information-measures/

— Il-Mudell tal-ftehim tal-għotja huwa disponibbli fuq

http://ec.europa.eu/agriculture/grants-for-information-measures/

([1]) L-Artikolu 96 tar-Regolament Finanzjarju.
([2]) L-Artikolu 133 tar-Regolament Finanzjarju; l-Artikolu 205 tar-Regolament dwar ir-regoli tal-applikazzjoni.
([3]) L-Artikolu 195.3 tar-Regolament dwar ir-regoli tal-applikazzjoni.